



Dokument ta' sessjoni

B9-0230/2023

27.4.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-100 miljun vittma tal-komuniżmu

**Filip De Man, Tom Vandendriessche, Gerolf Annemans, Anders Vistisen,
Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Nicolaus Fest, Guido Reil,
Roman Haider, Isabella Tovaglieri, Jean-Lin Lacapelle, Jean-Paul
Garraud, Eric Minardi**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-100 miljun vittma tal-komuniżmu

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Praga dwar il-Kuxjenza Ewropea u l-Komuniżmu, li tisħaq fuq il-bżonn li jitfakkru d-delitti kommessi mill-Istati komunisti;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-reġimi komunisti kkaġunaw tbatija li m'hemmx kliem biex tfissirha fuq iċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u ċentrali, kif ukoll fuq iċ-ċittadini ta' ħafna pajjiżi oħra;
- B. billi f'*Le Livre noir du communisme: crimes, terreur, répression* (Il-ktieb l-iswed tal-komuniżmu: delitti, terrur, repressjoni), Stéphane Courtois et al., studjużi universitarji fornew stima preċiża tan-numru tal-vittmi tal-komuniżmu: aktar minn 100 miljun vittma ta' delitti direttament ispirati mill-ideoloġija komunista;
- C. billi llum għad hemm partiti politiċi li jkomplu jirrivendikaw l-ideoloġija komunista u jirrifutaw li jikkundannaw dawn id-delitti;
- D. billi f'Kuba, fil-Korea ta' Fuq, fiċ-Ċina u fil-Venezwela, dittaturi komunisti għadhom jgħakksu liċ-ċittadini tagħhom;
1. Jissottolinja li l-Parlament jikkostitwixxi pjattaforma idonea għall-kommemorazzjoni solenni tal-vittmi tal-komuniżmu;
 2. Jissottolinja l-bżonn li tiġi organizzata kommemorazzjoni annwali tal-100 miljun vittma tal-komuniżmu li ssir fis-7 ta' Novembru, jum ir-“Rivoluzzjoni ta’ Ottubru” fil-kalenderju Gregorjan;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.